IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru68(Tmienja u Sittin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-uffiċċju amministrattiv nhar it-Tlieta 23 ta' Jannar, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **Assenti b'Apoloġija** | |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**68.1. Item Nru 68.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

68.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.10 u s-Segretarju informa l-Kunsill li l-Viċi Sindku tinsab ma tiflaħx u ġiet meqjusa bħala skużata.

**68.2. Item Nru. 68.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

68.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u approvati.

**68.3. Item Nru. 68.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

68.3.1 Is-Sindku tkellem fuq il-*jogging track* u qal li ta min nibgħatu reminder lil Infrastruttura Malta sabiex naraw x'ser isir. Is-Segretarju fakkar li fuq dan il-proġett il-Kunsill diġa ħareġ il-fuq minn €50,000 li nittamaw nieħdu lura peress li huwa proġett tal-Gvern.

Il-Kunsill qabel ukoll li nibgħatu reminder dwar il-ħajt tas-sejjiegħ ta Triq Karmelo Ritchie kif ukoll iċ-ċint perikoluż ta' Triq l-Awrat.

68.3.2. Is-Sindku qal li l-attività tas-17 ta' Diċembru tal-Milied tħassret minħabba l-maltemp pero saru attivitajiet oħra biex xorta waħda niċċelebraw il-milied mar-residenti. Fosthom fl-iskola kif ukoll mal-klabb tal-futbol.

68.3.3 Is-Sindku qal li dwar il-concession beda x-xogħol il-ġimgħa l-oħra bit-tkissir tal-art u ser isir concrete u rubber fuqu adegwat għal Gym. Dan huwa xogħol imħallas kollu mil-Kuntrattur skond l-obbligi li għandu biex ikun jista jikri l-premises għal €1000 fix-xahar.

Wara ikun jonqos rampa u railing tad-disabled u aluminium biex ikun jista joħroġ il-compliance u nkunu nistgħu niffirmaw il-kuntratt.

68.3.4 Is-Sur Attard qal li dwar il-bankina ta' quddiem Eastend Court waqaf kollox għaliex din ser issir minn Infrastruttura Malta meta jkunu għaddejin bix-xogħol tal-Enemalta.

68.3.6 Is-Sindku qal li sar żbir ta' siġar li kienu ilhom is-snin ma jinżabru. Jonqos oħra faċċata tal-Librerija u oħra Triq il-Fortizza tal-Grazzja kantuniera ma' Triq Karmelo Ritchie

68.3.7 Is-Sindku qal li dwar Alijoy huwa tkellem personlament mar-residenti li qed jilmentaw fuq l-istorbju u xi inkonvenjenti oħra. Huma mhux kontra li jsir it-tagħlim pero li isir b'ċertu galbu biex ma jkun ta' detriment għal-ġirien. Is-Sur Attard qal li l-Kunsill għandu jkollu skeda eżatta ta' meta qiegħed jintuża biex inkunu nafu jekk jistax jintuża minn Kunsilliera oħra jew għal affarijiet oħra.

Is-Sa. Doris Borg qalet li l-Edukazzjoni mhux privat biss imma hi tagħmillhom attivitajiet Edukattivi oħra u li huma importanti ħafna għal ħajja tat-tfal. Bħalissa hi qed tuża ċ-ċentru nhar ta' Ħamis u nhar ta' Sibt imma jkun hemm topics oħrajn li ħabba fihom ikun hemm bżonn li jintuża anke ġranet oħra.

Is-Sindku qal li ċ-ċentru ma jistax jintuża aktar tard mis-7pm. Qal ukoll li kien hemm drabi li n-nies kienu bilqiegħda anke fil-parapetti tal-ġirien u dan mhux sewwa.

Il-Kunsill qabel li dan qiegħed jintuża nhar ta' Ħamis u nhar ta' Sibt u niffissaw data mar-residenta sabiex nitkelmu magħha.

68.3.8 Is-Sindku qal li issa il-Ministru tal-Public Works huwa l-Onor. Omar Farrugia u ser ikun qiegħed jitlob laqgħa miegħu sabiex naraw kif ser ikompli ix-xogħol tar-railing li ilu diġa għaddej il-fuq minn sena.

68.3.9 Is-Sindku qal li bħalissa qed naħdmu fuq tender biex jinbidlu l-bankijiet u jsiru wkoll planters max-xatt. Dan huwa proġett li ser jiġi ffinanzjat mid-Development Planning Funds.

68.3.10 Is-Sindku ippropona li nisponsorjaw il-kalendarju tax-Xgħajra Tornadoes b'riklamm u dettalji tal-Kunsill fuqu. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

68.3.11 Is-Sindku qal li wara l-insistenza li għamilna fuq tal-linja issa ser jibdew jaħdmu b'shuttle service biex ikopju x-xatt ukoll. Dan wara li qed isir ix-xogħol tal-Enemalta u hemm it-triq magħluqa.

68.3.12 Is-Sindku qal li ġie avviċinat mir-rettur tal-Knisja tax-Xgħajra Fr. Keith Scicluna li għandu bżonn xogħol ta' tindif u skips li qed jistmaħ €1,600. Il-Kunsill qabel li jagħmel dan ix-xogħol.

Is-Sindku qal li dan il-qassis lest jikkopera sabiex nagħmlu tinda għan nies li jistennew tal-linja fejn iz-zuntier tal-knisja.

68.3.13 Is-Sindku ippropona li nibdew nagħtu inċentiv lil Lawrence Cassar tal-Community Workers Scheme li qiegħed jagħmel xogħol ta' tindif tajjeb ħafna. L-inċentiv li sar qbil fuqu huwa ta' €150 fix-xahar.

68.3.14 Is-Sindku qal li għadna qed nistennew konferma sabiex isir id-detailing ta' Miriam Buhagiar u tibda tinħareġ il-paga mil-Kunsill.

**68.4 Item Nru 68.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

68.4.1 Is-Sa. Borg qalet lis-siġġijiet irranġathom hi b'nefqa ta' €17. Pero xorta għandha bżonn cupboard. Is-Sur Camilleri qallha jekk tridx tieħu wieħed mil-Klabb għaliex għandhom minnhom li mhux jużawhom.

**68.5 Item Nru. 68.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

68.5.1 Ma kienx hemm rapporti

**68.6 Item Nru. 68.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

68.6.1 Xogħol ieħor ġie diskuss aktar kmieni fil-laqgħa.

**68.7 Item Nru. 68.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

68.7.1 Pagamenti b'numru 130 ġew approvati unanimament b'riserva dwar il-pagamenti tal-Iskart għaliex li kienu inġusti u ta' skart mhux tax-Xgħajra. Il-Kunsill għadu qed jilmenta fuqhom.

**68.8 Item Nru. 68.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

68.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**68.9 Item Nru. 68.9 fuq l-Aġenda – Approvazzjoni ta' Performance Bonus**

68.9.1 Is-Sindku ippropona il-full performance bonus tas-Segretarju Ezekuttiv tax-xogħol li jagħmel tajjeb mal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu ma' din il-proposta.

**68.10 Item Nru. 68.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

68.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.40pm. Aġġornament għal nhar il-Ħamis 22 ta' Frar.

| | |
|---|---|
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |